MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1270/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Swallow Limited u Louis Brincat (ID 686844M) u l-istess Swallow Limited u Louis Brincat**

**Vs**

**Jonathan Calleja**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm362.31 (tlett mija tnejn u sittin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) dovuti bhala danni in segwitu ghal kollizzjoni datata 30 ta’ Novembru 2003.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta’ Frar 2006 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-6 ta’ Marzu 2006 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------